# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 6 | 24 | 4 | 6 | 8 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# IS-SEĦER TAL-KWIEKEB



Il-kwiekeb. Xi ġmiel fihom il-kwiekeb fis-sema ċar sajfi! Ikolli nqatta' l-lejl inħares lejhom ma niddejjaqx. Mhux darba u tnejn għamilt hekk, ħiemed ġo soddti, narahom minn ġot-tieqa. Sibt li aktar ma nħares lejhom aktar naħseb fuqhom. Min jaf kemm huma 'l bogħod? Min jaf kif inhuma magħmulin, jew ta' xiex? Min jaf jgħixux nies fuqhom, anki jekk forsi ferm differenti minna? U jekk hemm in-nies, x'qed jaħsbu fuqna – jew lanqas biss jafu bina? Tgħid dawn in-nies tal-pjaneti jafu jirraġunaw bħalna? Tgħid għad xi darba niltaqgħu, huma u aħna? U jekk niltaqgħu, tgħid jirnexxilna niftiehmu, jew naqbdu niġġieldu bħalma nagħmlu bejnietna? F'din id-dinja hawn ħafna gwerer bla bżonn; min jaf in-nies t'hemm fuq sabux is-sigriet tal-paċi? Tgħid ikunu jridu jgħadduh lilna? (*par.1*)

Kultant, filgħaxijiet, il-papa` joqgħod jaqralna minn kotba differenti. Darba wriena ktieb li hu kien jistudja minn fuqu meta kien ta' l-eta` tiegħi. U bqajt niftakar sentenza milli qralna: "Kemm hu kbir u sabiħ il-ħolqien! Kemm hu ikbar u isbaħ immela Dak li ħalqu!'' (*par.2*)

U meta nħares lejn is-sema, u nara l-kwiekeb iteptpu, inħoss xi ħaġa ġo fija li ma nafx nispjegaha. Xi ħaġa li turini l-kobor ta' dal-ħolqien bla tmiem. Xi ħaġa li timlieni bil-ferħ mingħajr ma nifhimha. Xi ħaġa misterjuża. Xi ħaġa ttektek fil-fond ta' qalbi u li ġġegħelni nħossni speċjali. Hekk...ma nafx x'naqbad ngħid...kif nista' nispjegaha din il-ħaġa? Ma nafx. Ma nistax. Daqshekk. (*par.3*)

(silta meħuda minn **Id-Dawl Fit-Tieqa** ta' Victor Fenech)

## A. FEHIM IT-TEST (6 marki)

1. X' kien jagħmel il-kittieb matul il-lejl minn fuq soddtu? ______________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. Semmi żewġ ħsibijiet ta' l-awtur dwar il-kwiekeb. __________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Il-kittieb x'sigriet jixtieq li n-nies tal-kwiekeb jgħaddu lilna n-nies ta' din id-dinja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

4. Meta kien li missier l-awtur qara ktieb li kien jistudja minn fuqu? _______________________

______________________________________________________________________ (1)

5. Mit-tielet paragrafu semmi ħaġa waħda li kien iħoss in-narratur meta kien jara l-kwiekeb iteptpu.

______________________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-frażi li turi li għall-kittieb, il-gwerer mhumiex importanti.

______________________ (1)

7. Dak li *ħalqu (par.2*). Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż **u** fil-verb *ħalq**u***?

_________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

8. Mill-paragrafi indikati, sib il-kelma jew frażi li tfisser: sliem (*par.1*)____________

li ma jispiċċax (*par.3*) ____________ li tissodisfani (*par.3*)________________ (3)

### (iii) SINTASSI/SENTENZI

9. Biddel din is-sentenza.

- Jiena mort noqgħod f'dar kbira meta rbaħt lotterija.
- Li kieku kelli nirbaħ ____________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

10. Kompli s-sentenzi billi tagħżel it-tajba. (5)

a) Meta jien qomt filgħodu sibt li kien (daħalli, daħlilha) ______________ xi ħadd.
b) Ommi u missieri (kontu, kienu) ____________ (ġew, ġie) _______________fil-kamra tiegħi.
ċ) (Kont, Kienu) ________________ (telqu, tlaqt) ___________ meta raw li kollox kien sew.

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

11. *kemm* (*par.1*) - Liema hija l-konsonanti qawwija u liema hija l-konsonanti ratba?

konsonanti qawwija - _________ konsonanti ratba - ____________ (2)

12. *pjaneti* (*par.1*) – Ikteb l-ittra li tagħmel din il-kelma fil-plural. ________ (1)

13. *bil-ferħ* (*par.3*) – Ifred il-partiċella mill-artiklu. ________ _________ (1)

14. Agħti s-singular ta' *kwiekeb* (*par.1*) _________ *filgħaxijiet* (*par.2*) ______________ (2)

15. Aqleb fil-plural: *tieqa* (*par.1*) _______________ *eta`* (*par.2*) _____________________ (2)

16. Liema minn dawn in-nomi qiegħed fil-plural miksur u liema fil-plural sħiħ?
gwerer (*par.1*) ____________________ filgħaxijiet (*par.2*) _________________ (2)

17. Nissel nomi minn dawn il-verbi.
iteptpu (*par.3*) ________________ nispjegaha (*par.3*) ____________________ (2)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

### QWIEL – Alla, Tama u Sabar

Agħżel il-qawl it-tajjeb biex tagħti sens lis-sentenza.

1. Joan tilfet ix-xogħol iżda ommha fakkritha li Alla mhuwiex se jħalliha tbati għaliex (Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija, Alla fejn iridek isibek) ________________________________. (1)

2. Peter, tfajjel marid, baqa' jittama li għad tasal ġurnata li jfiq għal kollox għaliex (kull mibdi mitmum, il-bniedem sa toħroġ ruħu ma jaqtax qalbu)__________________________________

______________________________________. (1)

### IDJOMI – Kuluri, iż-Żmien u l-Ħin

Daħħal dawn l-idjomi f'sentenzi.

3. ħammrilhom wiċċhom - _______________________________________________________

_________________________________________________________________________ (1)

4. f'tebqa t'għajn - ______________________________________________________________(1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Ikteb ittra ta' madwar erbgħin kelma lill-editur tal-ġurnal ***L-Ambjentalist*** biex tgħid għaliex huwa importanti li l-ambjent ta' xatt il-baħar jinżamm nadif. (Tinsiex tiffirma ismek).

44, Triq ix-Xatt,
Buġibba SPB14
18 ta' Ġunju 2007

L-Editur
L-Ambjentalist
Triq l-Istilla,
Sliema SLM 06

Dejjem tiegħek,

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (8 marki)

F'madwar ħamsin kelma ikteb dwar żewġ drawwiet folkloristiċi li għoġbuk l-aktar meta għamilt ir-riċerka tiegħek għall-proġett ta' din is-sena.

## F. (i) LETTERATURA – NADRIET 1 (12-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A**. Ejjew nistħarrġu dawn il-poeżiji li ġejjin.

1. *L-Għasfur* ta' Ninu Cremona huwa sunett petrarkan. Kif ikunu mqassmin l-istrofi ta' dan is-sunett? ____________________ (2)

2. *Għaliex, għaliex, għaliex?* jistaqsi Oliver Friggieri fil-poeżija *Il-Bikja Tal-Buskett.* Għaliex qiegħda ssir din il-mistoqsija? ____________________

____________________ (1)

3. *Toninu bħal xitla*
*li għadha kemm titla'* (*Ritratt Ta' Toninu Man-Nanna* ta' Anastasju Cuschieri)

X'tissejjaħ it-tixbiha li nsibu f'dawn il-versi? ____________________ (1)

4. Fejn ra l-bjuda Dun Karm f'nofs in-nhar fis-sunett *Bjuda*? ____________________ (1)

5. Għalfejn Rużar Briffa fil-poeżija *Lil Ommi* talabha biex tbennu? ____________________

____________________ (1)

6. X'kienet il-ħolma fil-poeżija *Il-Ħolma T'Alla* ta' Anton Buttigieg? ____________________

____________________ (1)

**B. Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *distanza* ta' Tarcisio Zarb, *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Xita* ta' Mary Meylak |

Agħżel poeżija **waħda** mill-ħamsa mogħtija u f'għoxrin kelma ikteb il-ħsieb tagħha.

____________________

____________________

____________________ (5)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (20 marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet ta' A, B, Ċ

### A. **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ (3 marki)

Immarka VERU **jew** MHUX VERU

| | veru | mhux veru |
|---|---|---|
| 1. Is-santa taċ-ċikwejra turi lil Ġesu` mdawwar bin-nies. | _______ | _______ |

| | veru | mhux veru |
|---|---|---|
| 2. F'*In-Niżla Tal-Ganċ* it-telgħa kidditu lill-ajk u waqaf biex jistrieħ. | _________ | __________ |
| 3. F'*Il-Ħamiem Tal-Barumbara* t-tifel ħa l-ħamiem Malta biex isibu triqthom lejn Għawdex. | _________ | __________ |

B. Ejjew nitgħallmu mill-ewwel żona ta' **Stejjer tal-Linka** – Sedqa

1. X'tgħallimna l-istorja *L-aħħar merill tad-dinja*? ________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (3)

2.Wara li qrajt *Il-kokka u l-werżieq*, kieku int kont il-kokka , x'kont tagħmel? _________________

______________________________________________________________________________ (3)

3. Minn dak li ġralu, Buzzy jgħallimna li ______________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (3)

Ċ. **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar ħamsin kelma.

1. Irrakkonta s-sehem tal-karattri fir-rewwixta kontra l-Franċiżi.

**JEW**

2. Ikteb dwar il-karattru li għoġbok l-iżjed u irrakkonta xi ġrajjiet li kellu sehem minnhom dan il-karattru.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn.

1. Immaġina li inti kompjuter għand il-familja Cassar. Irrakkonta dwar x'użu jagħmlu minnek il-membri ta' din il-familja.
2. Kien wara nofsinhar ta' jum sħun sajfi meta marret għajni bija u ħlomt li … (kompli l-istorja)
3. Ikteb dwar l-ewwel sena skolastika tiegħek fil-liċeo.
4. Il-vaganzi tas-Sajf miniex beħsiebni naħlihom.
5. Irrakkonta lill-ħabib/a tiegħek il-ġrajja ta' film li rajt dan l-aħħar.